31968R1767

7.11.1968 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 271/7

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 1767/68 TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Novembru 1968

dwar is-sistema tal-prezzijiet minimi għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi tal-basal tal-qasab, il-basal u t-tuberi li jagħmlu l-fjuri

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 234/68 [1] tas-27 ta' Frar 1968 dwar il-mod kif tiġi stabbilita l-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-siġar u l-pjanti ħajjin, il-basal, l-għeruq u bħal dawn, il-fjuri maqtugħa u l-weraq ornamentali, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu;

Billi huwa meħtieġ li jiġu ffissati f'waqt tajjeb il-prezzijiet minimi ta' l-esportazzjoni sabiex dawk li jkabbru professjonalment ikunu jistgħu jagħmlu l-arranġamenti tagħhom; billi meta dawn il-prezzijiet ikunu qegħdin jiġu ffissati għall-esportazzjoni għandhom jitqiesu l-miżuri tal-promozzjoni adottati mill-Istati Membri fis-snin ta' qabel; billi, b'żieda ma' dan, għandhom jitqiesu l-prezzijiet fis-swieq internazzjonali;

Billi sabiex il-prezzijiet minimi jiġu megħjuna li jiġu ffissati għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi, l-Istati Membri għandhom ifornu l-partikolaritajiet meħtieġa rigward l-ispeċji, il-varjetajiet u d-daqsijiet; billi huwa tal-parir li jiġi ċċekkjat mill-kwantitajiet esportati jekk dan it-tagħrif hux rappreżentattiv;

Billi sabiex tiġi żgurata l-ħidma tas-sistema tal-prezzijiet minimi għandhom jiġu pprovvduti regoli sabiex tiġi applikata u ssorveljata;

Billi minħabba n-natura sperimentali ta' dan ir-Regolament għandu japplika biss sal-31 ta' Mejju 1971 sabiex ikun jista' jittieħed vantaġġ mill-esperjenza miksuba fit-tħejjija ta' dan ir-Regolament;

Billi l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skond l-Opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Prodotti mis-Sajd u l-Akwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-prezzijiet minimi ta' l-esportazzjoni pprovvduti fir-Regolament (KEE) Nru 234/68 għandhom jiġu ffissati kull sena mhux iktar tard mill-31 ta' Ottubru, bl-eċċezzjoni ta' dawk għall-begonji, is-sininġja, id-dalji u l-ispeċji tal-ġilju, li jridu jiġu ffissati mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru. Dawn il-prezzijiet għandhom japplikaw għall-prodotti maqtugħa u miġbura fis-sena li tiġi wara dik li fiha jiġu ffissati. Dawn jistgħu jiġu varjati għal kull prodott skond il-pajjiżi tad-destinazzjoni u l-kondizzjonijiet tal-produzzjoni u tal-*marketing* minn banda waħda, u skond id-daqsijiet u l-karatteristiċi tal-prodott minn-banda l-oħra, u għandhom jiġu stabbiliti b'referenza partikolari għal:

— kull prezz minimu ta' l-esportazzjoni li seta' ġie applikat mill-Istati Membri matul it-tliet snin ta' qabel is-sena li fiha jiġu ffissati l-prezzijiet minimi;

— ix-xejriet tal-prezzijiet fis-swieq internazzjonali matul it-tliet snin li jiġu qabel is-sena li fiha jiġu ffissati l-prezzijiet minimi;

— il-ħtieġa li jinżamm livell stabbli tal-prezz ta' l-esportazzjoni sabiex jiġu evitati d-disturbi fuq is-suq dinji.

2. Il-prezzijiet minimi ta' l-esportazzjoni għandhom jiġu ffissati fl-istadju ex maħżen/esportatur. Għandhom ikunu esklussivi mill-ispejjeż ta' l-ippakkjar u ta' l-assigurazzjoni u kull spiża addizzjonali.

3. Qabel l-1 ta' Diċembru ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jikkomunika t-tagħrif li ġej lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra rigward il-begonji, is-sininġja, il-gladjoli, id-dalji u l-ispeċji tal-ġilju, u qabel il-15 ta' Ottubru ta' kull sena rigward il-prodotti l-oħra koperti bis-sistema tal-prezz minimu ta' l-esportazzjoni:

— it-tagħrif kollu meħtieġ sabiex jiġu stmati x-xejriet tal-prezzijiet fis-swieq internazzjonali u sabiex jiġu ffissati l-prezzijiet minimi;

— il-kwantitajiet li jridu jiġu esportati lejn pajjiżi terzi.

Artikolu 2

1. Għandhom ikunu pprojbiti l-offerta għall-bejgħ, il-bejgħ jew il-kunsinna bil-ħsieb li jiġu esportati lejn pajjiżi terzi ta' kull prodott kopert bis-sistema tal-prezz minimu ta' l-esportazzjoni bi prezz oħos mill-prezz minimu li jista' jiġi applikat lil dan il-prodott, minħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4.

2. Meta ma jkun ġie ffissat l-ebda prezz minimu għal daqs partikolari ta' prodott mogħti l-oħos prezz minimu ta' l-esportazzjoni ffissat għal dan il-prodott għandu japplika għad-daqs fil-kwistjoni.

[1] ĠU L 55, 2.3.1968, p. 1.

3. Meta l-bejgħ isir bil-prezz ta' stadju iktar tard minn dak ta' ex maħżen/esportatur, dan il-prezz għandu jiġi ffissat f'livell hekk illi l-ammont li jrid jiġi rċevut mill-bejjiegħ, wara t-tnaqqis ta' l-ispejjeż tal-pakkjar, l-assigurazzjoni u t-trasport u kull spiża oħra addizzjonali, ma jkunx inqas mill-prezz minimu.

4. Il-prezz minimu ffissat għal kull prodott jista jiġi mnaqqas b'mhux iktar minn 2 % fil-każ ta' ħlas fi flus kontanti.

5. Il-fatturi li jakkumpanjaw il-prodotti fil-waqt ta' l-esportazzjoni għandhom juru b'mod partikolari:

— il-prezz u d-daqs tal-prodotti;

— l-ispiża ta' l-ippakkjar u ta' l-assigurazzjoni u kull spiża addizzjonali.

Artikolu 3

Is-sorveljanza rigward l-applikazzjoni tas-sistema tal-prezz minimu ta' l-esportazzjoni tidħol fl-ambitu ta' l-aġenziji nnominati minn kull Stat Membru. Dan ta' l-aħħar għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummisjoni bl-isem u l-indirizz ta' l-aġenzija responsabbli minn din is-sorveljanza mhux iktar tard minn xahar wara li dan ir-Regolament jidħol dis-seħħ.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. Għandu jibqa' japplika sal-31 ta' Mejju 1971.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Novembru 1968.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean REY